L-UNIVERSITÀ TA' MALTA
IL-FAKULTÀ TAL-ARTI
ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI
ĊERTIFIKAT FIL-QARI TAL-PROVI BIL-MALTI

| MAL 1048 L-Għodod Elettroniċi għall-Qari tal-Provi (2 kretti) |
| --- |

Eżami Jannar 2013
It-Tieni Silta
Ħin: Siegħa u nofs (iż-żewġ siltiet)

**NOTA:**
**F'dan l-eżami l-istudenti ma jistgħux jużaw għodod elettroniċi oħra barra minn dawk speċifikati fil-karta.**

| Għall-kitba t'hawn taħt: Segwi l-istruzzjonijiet li jidhru fil-kummenti. Agħmel b'tali mod li t-*track changes* ta' dawn it-tiswijiet ma jidhrux, u fl-aħħar ħassar il-kummenti. |
| --- |

Iċ-Ċiviltajiet li ħakmu lil Malta

F'dan il-ktieb ser ninvestigaw il-wirt arkeoloġiku skont temi magħżula li jolqtu l-ħajja ta' kuljum. Naraw kif il-fdalijiet li ħallew missirijietna jixħtu dawl fuq ħajjithom u fl-istess waqt l-iżvilupp u l-bidliet li seħħew matul l-millennji u s-sekli l-imgħoddija. L-interess tal-arkeologu huwa li jifhem il-ħajja ta' dawk li għexu qabilna, l-istess nies li sawru l-imgħoddi tagħna. Għalhekk l-istudju tagħna rbatnieh ma' temi bħall-ambjent li kienu jgħixu fih, l-abitazzjonijiet, it-twemmin, l-ikel, u x-xogħol: elementi li għadhom parti integrali minn ħajjitna. Naturalment dawn it-temi ser ninvestigawhom skont il-kronoloġija, għalhekk jeħtieġ li qabel xejn inpoġġu kollox fil-qafas taż-żmien.

Fl-ewwel żewġ kapitli rajna kif l-istudjużi tal-istorja qassmu l-imgħoddi tal-bniedem f'diversi epoki u fażijiet. B'hekk jeħtieġ li nifhmu li l-mod kif insejħu ż-żminijiet differenti huma interpretazzjoni tal-istoriċi. Dan sabiex tkun aktar faċli għalina biex nisseparaw żmien speċifiku minn ieħor. Iżda dan ma jfissirx li n-nies ta' dak iż-żmien, ngħidu aħna dawk tal-preistorja, kienu jalludu għal żmienhom bħala ż-żmien preistoriku. Biżżejjed niftakru li l-kunċett ta' "preistorja" twieled biss fl-aħħar tas-seklu dsatax.

L-ewwel diviżjoni ġenerali tal-istorja hija l-qasma bejn il-preistorja u l-istorja. Il-preistorja tiġbor fiha dak iż-żmien twil li fih il-bniedem ma ħalla l-ebda evidenza miktuba. Il-preistorja fid-dinja hi maqsuma fi tliet perjodi: Żmien il-Ħagar, Żmien il-Bronż u Żmien il-Ħadid. Min-naħa l-oħra ż-żmien storiku jiġbor fih dawk iż-żminijiet kollha li fihom il-bniedem ħalla prova tal-eżistenza tiegħu permezz tal-kitba. Ta' min jgħid li mhux kull pajjiż jagħmel il-qabża mill-preistorja għall-istorja fl-istess waqt. Fl-Eġittu, pereżempju, dan seħħ madwar 3000 sena q.K. mat-twaqqif tal-ewwel dinastija tal-Farawni. Nistgħu ngħidu li f'Malta ż-żmien storiku jibda bil-kitbiet li ħallew il-Feniċi f'pajjiżna, jiġifieri fis-seba' seklu q.K.

Silta addattata minn *L-Arkeoloġija ta' Malta*, ta' Ernest Vella, Marlene Borg u Tony Bonanno (PIN, 2004).